**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Ġunju 2025**

Talba Numru: 371/2023 CC

**OI Group Ltd (C 100189)**

**Vs**

**Chantelle Grima [KI 604489 (M)]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fid-9 ta' Ottubru 2023, fejn l-attriċi talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lil konvenuta sabiex tħallas lill-istess attriċi s-somma ta' elfejn, sitt mija u tmienja u tmenin ewro u erbatax il-ċenteżmi (€2,688.14c), rappreżentanti prodotti suppliti lill-attriċi lil konvenuta.

Fl-istess talba l-attriċi talbet li l-konvenuta tkun kundannata wkoll li tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali a bażi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-imgħaxijiet kummerċjali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

Ra li fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2024, il-konvenuta rtirat l-eċċezzjonijiet numru tnejn u numru tlieta mogħtija fir-risposta tagħha b'dana li talbet li  tressaq eċċezzjoni ulterjuri li tikkonċerna il-preskrizzjoni tal-attriċi u dan ai terminu tal-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili.

Ra li l-istess Tribunal laqa' t-talba.

Ra l-ewwel eċċezzjoni u r-raba' eċċezzjoni indikati mill-konvenuta fir-risposta tagħha preżentata fit-13 ta' Novembru 2023.

Ra li fl-istess risposta, l-konvenuta talbet li l-attriċi tkun ikkundannata li tħallas lil konvenuta l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk rigwardanti r-risposta għall-ittra uffiċjali magħmula taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li ġġib in-numru 1499/23.

Ra li l-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u ddikjaraw il-provi bħala magħluqa.

Ra u semgħa x-xhieda.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra u semgħa t-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

**L-Eċċezzjoni dwar il-Preskrizzjoni ai terminu tal-artikolu 2148B tal-Kodiċi Ċivili, sollevata mill-Konvenuta.**

Illi fl-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili jingħad is-segwenti:

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjonibl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija,oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;*

Illi fl-artikolu 2160 (1) tal-Kodiċi Ċivili jingħad is-segwenti:

*2160. (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet lijeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża limhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

Illi fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2024, il-konvenuta bil-ġurament tagħha ddikjarat li hija ma hijiex debitriċi lejn is-soċjeta' attriċi u għalhekk ir-rekwiżit indikat fl-artikolu 2160 (1) ġie attwat u sodisfatt.

Fl-affidavit tiegħu Lydon Laudi wieħed minn żewġ diretturi tal-kumpanija OI Group Limited li topera bl-isem Online Intimates, sostna li huma aġenti tal-prodott tal-capsoli CDB.

Huwa sostna li lil konvenuta kien biegħilha tmien kaxxi ta' tnax il-pakkett kull kaxxa. Kull pakkett ikun fih sebgħin kapsola. Għalhekk b'kollox il-konvenuta akkwistat 6,720 kapsola.

Huwa sostna li din kienet ordni kbira, tant li huwa kien żammilha l-prezz ta' seba' kaxxi minflok ta' tmien kaxxi.

Fit-trattazzjoni finali tagħha l-konvenuta sostniet li l-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni hija marbuta mal-artikolu 2148B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Min naħa l-oħra l-attriċi fit-trattazzjoni finali tagħha sostniet li l- artikolu 2148B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ma japplikax għal dan il-każ. Fl-istess trattazzjoni, l-attriċi għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet Geordie Company Ltd vs Mario Azzopardi deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Jannar 2004. F'din is-sentenza ngħad is-segwenti:

*" Illi l-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini talArtiklu 2148 tal-Kodici Civili. Dan jghid illi l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija u oggetti ohra mobbli mibjugha bl-imnut jaqghu bil-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar (ghalkemm il-konvenut ma pprecizax liema subartikolu kien qed jirreferi ghalih – pero' jidher car li kien qed jirreferi ghas-subartikolu [b]).*

*Il-kwistjoni ghalhekk hija jekk ir-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti kienitx taqa' taht il-bejgh imsemmi f' dan is-subartikolu u jekk dan jirrizulta, jekk il-perjodu preskrittiv giex interrot.*

*Wiehed mill-ewwel jinnota li din il-preskrizzjoni tapplika ghall-bejgh bl-imnut (retail fit-traduzzjoni ingliza). Dan ifisser bejgh fi kwantitajiet zghar lill-pubbliku – bl-ingliz skond id-dizzjunarju* ***sale of goods in small quantities to the public, usually through a shop.***

***F'dan il-kaz il-konvenut ma kienx qed jixtri bl-imnut ghaliex in effetti hu kien qed jixtri bi kwantitatjiet sufficjenti bizzejjed ghall-hanut tieghu biex imbaghad hu jerga jbieghhom. Hu ma kienx il-pubbliku izda xtara bl-intenzjoni li jbiegh lill-pubbliku u l-kwantitajiet illi xtara certament ma kienux zghar.***

*Ghalhekk una volta stabbilit dan, l-eccezzjoni tieghu mhijiex fondata legalment u jekk kien hemm preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali tahat l-Artiklu 2156 (f), liema perjodu preskrittiv ma ghaddiex ghaliex fil-waqt li nnegozju guridiku sehh fl-1996, il-kawza infethet fl-2000.*

*Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna li din l-kawza titkompla fuq il-mertu."*

Illi f'dan il-każ huwa evidentament ċar li l-konvenuta kienet qed tixtri bi kwantitatjiet suffiċjenti biżżejjed għall-ispiżerija tagħha biex imbagħad hi terġa tbieghhom. Illi għalhekk il-konvenuta xtrat il-prodott bl-intenzjoni li tbiegħ lill-pubbliku u għalhekk il-konvenuta ma kinitx qed tixtri bl-imnut.

Għaldaqstant dan it-Tribunal se jkun qiegħed jiċħad l-eċċezzjoni dwar il-Preskrizzjoni.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta li s-soċjeta' attriċi forniet lil konvenuta tmien kaxxi ta' tnax il-pakkett kull kaxxa f'kapsoli CDB. Jirriżulta wkoll li l-konvenuta bbenefikat minn offerta fis-sens li hija ngħatat kaxxa b'xejn. Illi dawn is-seba' kaxxi kienu jammontaw għal prezz ta' elfejn, sitt mija u tmienja u tmenin ewro u erbatax il-ċenteżmi (€2,688.14c).

Fix-xhieda tagħha, l-konvenuta Chantelle Grima sostniet li kienet ġiet avviċinata minn ċertu Lydon in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi, sabiex iforniha bil-prodott CDB. Hija sostniet li kienet qablet iżda talbitu sabiex ma jibgħatilhiex ħafna prodotti. Pero huwa bagħtilha ħafna prodotti tant li l-kont tela' b'elfejn, sitt mija u tmienja u tmenin ewro u erbatax il-ċenteżmi (€2,688.14c). Il-konvenuta ippreżentat email mibgħuta lil rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi datata 22 ta' Jannar 2022 fejn talbithom sabiex imorru jieħdu lura l-prodotti li kienu ġew fornuti lilha. Fix-xhieda tagħha l-konvenuta ssostni li ftehim bejn il-partijiet rigward ir-returns ma kienx hemm.

Ix-xhud sostniet li l-prodotti rċeviethom f'Diċembru 2021 u li fil-21 ta' Jannar 2022 irċeviet email fejn fakkritha li l-ammont ta' elfejn, sitt mija u tmienja u tmenin ewro u erbatax il-ċenteżmi (€2,688.14c) kien għadu dovut.

It-Tribunal isostni li jekk il-ftehim kien li l-konvenuta tiġi fornuta bi ftit prodotti, il-konvenuta jmissha talbet lir-rappreżentanti tas-soċjeta attriċi minnufih sabiex jieħdu lura l-prodotti. Minflok ma għamlet hekk, kif jirriżulta mill-affidavit ta' Lydon Laudi, l-konvenuta pproċediet

billi fetħet il-kaxxi kollha. Kien biss wara li rċeviet email fejn ġiet mitluba biex tħallas l-ammont dovut li l-istess konvenuta talbet lis-soċjeta' attriċi sabiex jieħdu lura l-prodotti.

It-Tribunal isostni li t-talbiet tal-attriċi fil-konfront tal-konvenuta jirriżultaw ippruvati u għalhekk it-Tribunal se jkun qiegħed jilqa t-talbiet tal-attriċi u konsegwentament se jkun qiegħed jikkundanna lil konvenuta sabiex tħallas lill-istess attriċi is-somma ta' elfejn, sitt mija u tmienja u tmenin ewro u erbatax il-ċenteżmi (€2,688.14c).

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt illi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, jilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jiddikjara li l-konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' elfejn, sitt mija u tmienja u tmenin ewro u erbatax il-ċenteżmi (€2,688.14c) u jordna li l-konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' elfejn, sitt mija u tmienja u tmenin ewro u erbatax il-ċenteżmi (€2,688.14c), bl-imgħax legali dekorribbli mid-9 ta' Ottubru 2023 sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri inkluż l-ispejjeż rigwardanti r-risposta għall-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 1499/2023 jitħallsu unikament mill-konvenuta.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**